



2.10.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-politika ambjentali u b'hekk jemenda d-Direttivi 86/278/KEE, 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE, ir-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010, u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005
(COM(2018)0381 – C8-0244/2018 – 2018/0205(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Nicola Caputo

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur jilqa' t-titjib li sar f'dawk li huma trasparenza u simplifikazzjoni tad-Direttiva 2010/63/UE dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' bażi tad-data tal-istatistika li tista' tiġi kkonsultata b'aċċess miftuħ. Din il-bażi tad-data se tippermetti li jsir monitoraġġ wisq aktar regolari tal-użu tal-annimali għal finijiet xjentifiċi, tat-tensjoni li jġarrbu l-annimali u tal-ispeċijiet użati, b'mod partikolari l-primati mhux umani. Madankollu, il-Kummissjoni xorta għandha tipprovdi rapport lill-Parlament u lill-Kunsill fejn tingħata ħarsa ġenerali u interpretazzjoni tad-data statistika mhix analizzata li tinsab f'din il-bażi tad-data. Barra minn hekk, kif enfasizza r-rapport tal-2017 tal-Kummissjoni, minħabba l-fatt li r-rieżami kurrenti qed jitwettaq fi stadju bikri fl-implimentazzjoni tad-direttiva, għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat kemm qed jintlaħqu l-oġġettivi strateġiċi. Fil-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport, ġew enfasizzati xi punti li jeħtieġ li jinbidlu fil-ġejjieni. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rapporteur iqis li huwa indispensabbli li l-Artikolu dwar ir-rieżami tad-Direttiva jinżamm kif inhu .

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar
fil-qasam ***tal-politika ambjentali*** u b'hekk
jemenda d-Direttivi 86/278/KEE,
2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE,
2009/147/KE u 2010/63/UE, ir-
Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE)
Nru 995/2010, u r-Regolamenti tal-Kunsill
(KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Emenda

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar
fil-qasam ***tal-leġiżlazzjoni relatata mal-
ambjent*** u b'hekk jemenda d-
Direttivi 86/278/KEE, 2002/49/KE,
2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u
2010/63/UE, ir-Regolamenti (KE)
Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010, u r-
Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u
(KE) Nru 2173/2005
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Ġustifikazzjoni

Emenda għat-titolu li tirrifletti li mhux l-atti legali kollha elenkati hawnhekk huma l-leġislazzjoni ambjentali per se.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa **għall-implimentazzjoni** u l-informazzjoni dwar il-konformità, jenħtieġ li jiġu introdotti emendi ta' diversi biċċiet ta' leġislazzjoni **ambjentali** filwaqt li jitqiesu r-riżultati tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar Azzjonijiet għar-Razzjonalizzazzjoni tar-Rapport Ambjentali⁴⁵ u l-Kontroll tal-Idoneità⁴⁶ relatat.

⁴⁵ COM(2017) 312.

⁴⁶ SWD(2017) 230.

Emenda

(1) Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa **tal-implimentazzjoni** u l-informazzjoni dwar il-konformità, jenħtieġ li jiġu introdotti emendi ta' diversi biċċiet ta' leġislazzjoni **relatati mal-ambjent** filwaqt li jitqiesu r-riżultati tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar Azzjonijiet għar-Razzjonalizzazzjoni tar-Rapport Ambjentali⁴⁵ u l-Kontroll tal-Idoneità⁴⁶ relatat.

⁴⁵ COM(2017) 312.

⁴⁶ SWD(2017) 230.

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emenda simili li saret lit-Titolu.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Jeħtieġ li l-aċċessibbiltà tad-data tiżgura li l-piż amministrattiv fuq l-entitajiet kollha jibqa' limitat kemm jista' jkun. Jenħtieġ it-tixrid attiv tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali f'konformità mad-Direttivi 2003/4/KE⁴⁷ u 2007/2/KE⁴⁸ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, biex tiġi żgurata l-infrastruttura

Emenda

(2) Jeħtieġ li l-aċċessibbiltà tad-data tiżgura li l-piż amministrattiv fuq l-entitajiet kollha jibqa' limitat kemm jista' jkun, **b'mod speċjali fuq l-entitajiet mhux governattivi bħalma huma l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)**. Jenħtieġ it-tixrid attiv tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali f'konformità mad-Direttivi 2003/4/KE⁴⁷ u 2007/2/KE⁴⁸ tal-

xierqa għall-aċċess pubbliku, ir-rapportar u l-kondiviżjoni tad-data fost l-awtoritajiet pubbliċi.

⁴⁷ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26);

⁴⁸ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, biex tiġi żgurata l-infrastruttura xierqa għall-aċċess pubbliku, ir-rapportar u l-kondiviżjoni tad-data fost l-awtoritajiet pubbliċi.

⁴⁷ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26);

⁴⁸ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Id-data li jirrappurtaw l-Istati Membri hi essenzjali biex il-Kummissjoni timmonitorja, tirrieżamina u tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni vis-a-vis l-għanijiet ta' din tal-aħħar sabiex tinforma kwalunkwe valutazzjoni futura tal-leġiżlazzjoni, skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁴⁹. Huwa xieraq li jiżdiedu xi dispożizzjonijiet ma' diversi atti leġiżlattivi fis-settur ambjentali għall-fini tal-evalwazzjoni futura tagħhom, fuq il-bażi tad-data miġbura matul l-implimentazzjoni, possibbilment flimkien ma' aktar data analitika u xjentifika. F'dan il-kuntest, teżisti l-ħtieġa **għal** data rilevanti li tippermetti l-valutazzjoni aħjar tal-effiċjenza, tal-effikaċja, tar-rilevanza, tal-

Emenda

(3) Id-data li jirrappurtaw l-Istati Membri hi essenzjali biex il-Kummissjoni timmonitorja, tirrieżamina u tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni vis-a-vis l-għanijiet ta' din tal-aħħar sabiex tinforma kwalunkwe valutazzjoni futura tal-leġiżlazzjoni, skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁴⁹. Huwa xieraq li jiżdiedu xi dispożizzjonijiet ma' diversi atti leġiżlattivi fis-settur ambjentali għall-fini tal-evalwazzjoni futura tagħhom, fuq il-bażi tad-data miġbura matul l-implimentazzjoni, possibbilment flimkien ma' aktar data analitika u xjentifika. F'dan il-kuntest, teżisti l-ħtieġa **ta'** data rilevanti li tippermetti l-valutazzjoni aħjar tal-effiċjenza, tal-effikaċja, tar-rilevanza, tal-

koerenza u tal-valur miżjud tal-UE tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, u b'hekk **jinh**tieġ li jiġu żgurati mekkaniżmi ta' rapportar adattati li jistgħu **jintużaw ukoll bħala** indikaturi għal dan il-għan.

⁴⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Huwa meħtieġ li jiġu emendati l-obbligi ta' rapportar stipulati fl-Artikoli 43, 54 u 57 tad-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu, bil-għan li tittejjeb it-trasparenza u jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-istabbiliment ta' bażi tad-data ċentrali, b'aċċess miftuħ u disponibbli għat-tiftix għal sommarji mhux tekniċi ta' proġetti u ta' valutazzjonijiet retrospettivi relatati, l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi format komuni għall-preżentazzjoni ta' sommarji mhux tekniċi ta' proġetti u ta' valutazzjonijiet retrospettivi relatati, informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-sostituzzjoni tar-rapportar tal-istatistika ta' kull tliet snin mill-Kummissjoni bir-reqwizit tal-istabbiliment ta' bażi tad-data ċentrali dinamika ospitata mill-Kummissjoni u r-rilaxx ta' informazzjoni fuq bażi annwali.

koerenza u tal-valur miżjud tal-UE tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, u b'hekk **jeħtieġ** li jiġu żgurati mekkaniżmi ta' rapportar adattati li jistgħu **jservu wkoll ta'** indikaturi għal dan il-għan **kemm għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u kemm għall-pubbliku ġenerali**.

⁴⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda

(9) Huwa meħtieġ li jiġu emendati l-obbligi ta' rapportar stipulati fl-Artikoli 43, 54, 57 u 58 tad-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁶. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu, bil-għan li tittejjeb it-trasparenza u jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-istabbiliment ta' bażi tad-data ċentrali, b'aċċess miftuħ u disponibbli għat-tiftix għal sommarji mhux tekniċi ta' proġetti u ta' valutazzjonijiet retrospettivi relatati, l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi format komuni għall-preżentazzjoni ta' sommarji mhux tekniċi ta' proġetti u ta' valutazzjonijiet retrospettivi relatati, informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-sostituzzjoni tar-rapportar tal-istatistika ta' kull tliet snin mill-Kummissjoni bir-reqwizit tal-istabbiliment ta' bażi tad-data ċentrali dinamika ospitata mill-Kummissjoni u r-rilaxx ta' informazzjoni fuq bażi annwali. **Skont l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2010/63/UE dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi^{56a}, il-klawsola ta' rieżami jenħtieġ li tiġi riveduta bil-ħsieb ta' reviżjoni futura wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-Kummissjoni.**

⁵⁶ Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

⁵⁶ Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

^{56a} COM(2017)631 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni skont l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2010/63/UE dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) l-ismijiet u l-indirizzi ta' min qed jirċievi l-ħama u l-post fejn dan ikun se jintuża;

imħassar

Ġustifikazzjoni

Id-data operattiva konkreta, bħal dawn ix-xerrejja tal-ħama tad-dranaġġ f'dan il-każ, ma għandhiex tkun pubblikament disponibbli. Il-protezzjoni tad-data trid tiġi żgurata. Il-pubblikazzjoni tad-data tal-bdiewa tista' twassal għall-fastidju minn gruppi ambjentalisti anki jekk l-attivitajiet tal-bdiewa huma għalkollox legali. Pubblikazzjoni bħal din tista' twassal biex il-bdiewa jiġu stigmatizzati. L-awtoritajiet jeħtiġilhom ikollhom id-data disponibbli internament għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti u r-regolamenti.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) kwalunkwe informazzjoni oħra rigward it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17.

imħassar

Ġustifikazzjoni

It-test propost joħloq ċirkwit minħabba r-referenza għall-Artikolu 17 li hu stess jirreferi għal att ta' implimentazzjoni li għandu jstabilixxi r-rekwiżiti tal-Artikolu 10.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-format skont liema l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 86/278/KEE kif mitlub mill-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2). Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jipubblikaw ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha li tinkludi wkoll mapep fuq il-bażi tad-data li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli skont l-Artikoli 10 u 17.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-format skont liema l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 86/278/KEE kif mitlub mill-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2). Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jipubblikaw ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha li tinkludi wkoll mapep fuq il-bażi tad-data li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli skont l-Artikoli 10 u 17 ***u għandhom jissottomettu, kull sentejn, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposti għall-protezzjoni aħjar tal-ħamrija u tal-ambjent .***

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2002/49/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni minn mapep strateġiċi tal-ħsejjes u sommarji tal-pjanijiet ta' azzjoni, kif imsemmija fl-Anness VI, jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-dati stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 rispettivament. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni b'mod elettroniku biss ***lir-repożitorju tad-data li għandu jiġi stabbilit skont il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3)***. Fil-każ li Stat Membru jkun irid jaġġorna l-informazzjoni, għandu jiddeskrivi d-differenzi bejn l-informazzjoni aġġornata u dik oriġinali u r-raġunijiet għall-aġġornament meta jagħmel l-informazzjoni aġġornata disponibbli fir-repożitorju tad-data.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni minn mapep strateġiċi tal-ħsejjes u sommarji tal-pjanijiet ta' azzjoni, kif imsemmija fl-Anness VI, jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-dati stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 rispettivament. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni b'mod elettroniku biss ***lil repożitorju tad-data mandatarju***. Fil-każ li Stat Membru jkun irid jaġġorna l-informazzjoni, għandu jiddeskrivi d-differenzi bejn l-informazzjoni aġġornata u dik oriġinali u r-raġunijiet għall-aġġornament meta jagħmel l-informazzjoni aġġornata disponibbli fir-repożitorju tad-data.

Ġustifikazzjoni

L-allinjament tal-att bażiku mal-proċedura tal-Atti Delegati.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Direttiva 2002/49/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

4a. Fl-Artikolu 10, wara l-paragrafu 2, jiddaħħal il-paragrafu li ġejj:

"2a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva dwar l-istabbiliment tar-repożitorju tad-data mandatarju msemmi fil-paragrafu 2, u r-regoli dettaljati tal-mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni diġitali biex issir kondivizzjoni tal-informazzjoni mill-mapep strateġiċi tal-ħsejjes u mis-sommarji tal-pjanijiet ta' azzjoni."

Ġustifikazzjoni

L-allinjament tal-att bażiku mal-proċedura tal-Atti Delegati. Dan il-paragrafu ġdid qed jemenda l-paragrafu 5 tal-Artikolu 10(2) u jittrasforma ruħu f'subparagrafu tal-paragrafu 2.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)
Direttiva 2002/49/KE
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Jiżdied l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 12a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(2a) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 10(2a) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma

għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10(2a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

Ġustifikazzjoni

L-allinjament tal-att bażiku mal-proċedura tal-Atti Delegati.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 2002/49/KE

Anness VI – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fl-Anness VI, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Mekkaniżmu għall-iskambju tal-informazzjoni.

"Il-Kummissjoni, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha

Emenda

5. Fl-Anness VI, il-punt 3 huwa mħassar.

tiżviluppa mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni diġitali mandatarju biex tiġi kondiviża l-informazzjoni mill-mapep strateġiċi tal-ħsejjes u mis-sommarji tal-pjanijiet ta' azzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10(2) skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3)."

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ġiet riformulata u m'caqilqa fis-subparagrafu 2a tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Fl-Artikolu 3, paragrafu 1, jiżdied il-punt ba li ġej:

(ba) Id-danni kkawżati mill-introduzzjoni ta' speċijiet tal-foresti barranin li mhumiex adattati minħabba l-fatt li jnaqqsu s-sorsi lokali tal-ilma jew għax jieħdu n-nar malajr ħafna.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2004/35/KE

Anness I – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-iskala u t-tip ta' danni ambjentali, id-data ta' meta seħħew u/jew ta' meta ġew skoperti d-danni. L-iskala tad-danni ambjentali għandha tiġi kklassifikata bħala ta' daqs żgħir, medju, kbir jew kbir ħafna. It-tip ta' danni ambjentali għandu jiġi

1. L-iskala u t-tip ta' danni ambjentali, id-data ta' meta seħħew u/jew ta' meta ġew skoperti d-danni. L-iskala tad-danni ambjentali għandha tiġi kklassifikata bħala ta' daqs żgħir, medju, kbir jew kbir ħafna. It-tip ta' danni ambjentali għandu jiġi

kklassifikat bħala dannu għall-ilma, **għall-baħar**, għall-ħamrija, għan-natura/għall-ekosistemi jew dannu għas-saħħa tal-bniedem ikkawżat mit-tniġġis;

kklassifikat bħala dannu għall-ilma, **għall-ambjent tal-baħar**, għall-ħamrija, għan-natura/għall-ekosistemi, **għall-kampanja**, jew dannu għas-saħħa tal-bniedem **jew tal-annimali** ikkawżat mit-tniġġis;

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2007/2/KE

Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

"Kull **sena**, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika u taġġorna l-ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi tal-metadata u tad-data li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli permezz ta' servizzi tan-netwerk skont l-Artikolu 21. Il-ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha għandha tinkludi, kif xieraq, indikaturi għall-eżiti, għar-riżultati u għall-impatti ta' din id-Direttiva, mapep li jagħtu ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha u rapporti li jagħtu ħarsa ġenerali tal-Istati Membri.

Emenda

"Kull **sentejn**, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika u taġġorna l-ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi tal-metadata u tad-data li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli permezz ta' servizzi tan-netwerk skont l-Artikolu 21. Il-ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha għandha tinkludi, kif xieraq, indikaturi għall-eżiti, għar-riżultati u għall-impatti ta' din id-Direttiva, mapep li jagħtu ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha u rapporti li jagħtu ħarsa ġenerali tal-Istati Membri.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 2010/63/KE

Artikolu 43 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru **2020**, l-Istati Membri għandhom jipubblikaw is-sommarji mhux tekniċi tal-proġetti awtorizzati u kwalunkwe aġġornamenti relatati magħhom. **Sa** mill-1 ta' Jannar **2021**, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw u jipubblikaw is-sommarji mhux tekniċi tal-proġetti, l-aktar tard fi żmien sitt xhur mill-awtorizzazzjoni, u kwalunkwe

Emenda

3. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru **2021**, l-Istati Membri għandhom jipubblikaw is-sommarji mhux tekniċi tal-proġetti awtorizzati u kwalunkwe aġġornamenti relatati magħhom. Mill-1 ta' Jannar **2022 'il quddiem**, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw u jipubblikaw is-sommarji mhux tekniċi tal-proġetti, l-aktar tard fi żmien sitt xhur mill-awtorizzazzjoni, u

aġġornament tagħha, permezz ta' trasferiment elettroniku lill-Kummissjoni."

kwalunkwe *aġġornamenti tagħhom*, permezz ta' trasferiment elettroniku lill-Kummissjoni."

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Direttiva 2010/63/KE

Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sat-30 ta' **Novembru 2023**, u suċċessivament kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari l-Artikoli 10(1), 26, 28, 34, 38, 39, 43 u 46 tagħha.

Emenda

Sat-30 ta' **Settembru 2024**, u suċċessivament kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari l-Artikoli 10(1), 26, 28, 34, 38, 39, 43 u 46 tagħha.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Direttiva 2010/63/KE

Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippubblikaw ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi tad-data ***li tkun saret disponibbli*** mill-Istati Membri.

Emenda

Mhux aktar tard minn 6 xhur wara s-sottomissjoni, min-naħa tal-Istati Membri, tad-data msemmija fit-tieni subparagrafu, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippubblikaw ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi tad-data ***sottomessa*** mill-Istati Membri.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2010/63/UE

Artikolu 57

Test propost mill-Kummissjoni

3. Jitħassar l-Artikolu 57.

Emenda

3. L-Artikolu 57 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

Artikolu 57

Rapport tal-Kummissjoni

Sa mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru 2020 u suċċessivament kull tliet snin, il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni statistika fornuta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 54(2), għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jagħti sintesi ta' dik l-informazzjoni.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Direttiva 2010/63/UE

Artikolu 58 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru **2017**, b'konsiderazzjoni għall-progress li jkun sar fl-iżvilupp ta' metodi alternattivi li ma jinkludux l-użu ta' annimali, u b'mod partikolari ta' primati mhux umani, u għandha tipproponi l-emendi li jidhrilha jkunu xierqa.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1

Regolament (UE) Nru 995/2010

Artikolu 20 – paragrafu 3

Emenda

3a. fl-Artikolu 58, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru **2024**, b'konsiderazzjoni għall-progress li jkun sar fl-iżvilupp ta' metodi alternattivi li ma jinkludux l-użu ta' annimali, u b'mod partikolari ta' primati mhux umani, u għandha tipproponi l-emendi li jidhrilha jkunu xierqa.

3. Sat-3 ta' Diċembru **2015**, u suċċessivament kull sitt snin, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, fuq il-bażi tar-rapportar u l-esperjenza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-funzjonament u l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, inkluża l-prevenzjoni tat-tqegħid fis-suq intern ta' injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam. B'mod partikolari għandha tqis il-konsegwenzi amministrattivi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kopertura tal-prodott. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tar-rieżami u takkumpanja rapporti bħal dawn, jekk ikun meħtieġ, bi proposti leġiżlattivi xierqa.

3. Sat-3 ta' Diċembru **2021**, u suċċessivament kull sitt snin, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, fuq il-bażi tar-rapportar u l-esperjenza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-funzjonament u l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, inkluża l-prevenzjoni tat-tqegħid fis-suq intern ta' injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam. B'mod partikolari għandha tqis il-konsegwenzi amministrattivi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kopertura tal-prodott. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tar-rieżami u takkumpanja rapporti bħal dawn, jekk ikun meħtieġ, bi proposti leġiżlattivi xierqa.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 10 - paragrafu 1 - punt 1

Regolament (KE) Nru 338/97

Artikolu 15, paragrafu 4, punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Bla ħsara għall-Artikolu 20, l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri għandhom, sena qabel kull laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-perjodu preċedenti rilevanti li tkun meħtieġa biex jitħejjew ir-rapporti msemmijin fl-Artikolu VIII 7 (b) tal-Konvenzjoni u informazzjoni ekwivalenti dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li huma barra mill-iskop tal-Konvenzjoni. **L-informazzjoni li għandha tkun ikkomunikata u l-format tal-preżentazzjoni tagħha għandhom ikunu speċifikati** mill-Kummissjoni skont il-proċedura **regolatorja** msemmija fl-Artikolu 18(2).

Emenda

(c) Bla ħsara għall-Artikolu 20, l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri għandhom, sena qabel kull laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-perjodu preċedenti rilevanti li tkun meħtieġa biex jitħejjew ir-rapporti msemmijin fl-Artikolu VIII 7 (b) tal-Konvenzjoni u informazzjoni ekwivalenti dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li huma barra mill-iskop tal-Konvenzjoni. **Il-format tal-preżentazzjoni tagħha għandu jkun speċifikat** mill-Kummissjoni skont il-proċedura **ta' eżami** msemmija fl-Artikolu 18(2).

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni li trid tiġi kkomunikata m'għandiex tiġi deċiża mill-Kummissjoni u l-proċedura regolatorja għandha tiġi ttrasformata f'att ta' implimentazzjoni (proċedura ta' eżami).

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-politika ambjentali
Referenzi	COM(2018)0381 – C8-0244/2018 – 2018/0205(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 11.6.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 11.6.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Nicola Caputo 28.6.2018
Data tal-adozzjoni	1.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 –: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Richard Ashworth, Daniel Buda, Nicola Caputo, Matt Carthy, Jacques Colombier, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Karine Gloanec Maurin, Esther Herranz García, Jan Huitema, Martin Häusling, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Nuno Melo, Giulia Moi, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Bronis Ropè, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Franc Bogovič, Michela Giuffrida, Elsi Katainen, Anthea McIntyre, Momchil Nekov, Molly Scott Cato, Vladimir Urutchev, Thomas Waitz
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Renata Briano

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

38	+
ALDE	Jan Huitema, Ivan Jakovčić, Elsi Katainen, Ulrike Müller
ECR	Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk, Anthea McIntyre, James Nicholson
EFDD	Giulia Moi, Marco Zullo
ENF	Jacques Colombier, Philippe Loiseau
PPE	Richard Ashworth, Franc Bogovič, Daniel Buda, Michel Dantin, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Esther Herranz García, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Nuno Melo, Marijana Petir, Czesław Adam Siekierski, Vladimir Urutchev
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Michela Giuffrida, Karine Gloanec Maurin, Momchil Nekov, Maria Noichl, Tibor Szanyi
VERTS/ALE	Bronis Ropè, Molly Scott Cato, Thomas Waitz

4	-
EFDD	John Stuart Agnew
GUE/NGL	Matt Carthy, Luke Ming Flanagan, Maria Lidia Senra Rodríguez

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni